*komunikazzjonijiet elettroniċi f'deċiżjoni li biha din l-awtorità timponi ċerti obbligi leġiżlattivi fuq operatur ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u dan minkejja l-fatt li l-linji gwida ma ġewx ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bil-lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni, anki jekk din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni.*

(1) ĠU C 24, 30.01.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija**

**(Kawża C-441/09)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Applikazzjoni ta' rata mnaqqsa — Annimali ħajjin normalment intiżi għall-użu fil-preparazzjoni tal-ikel għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali — Provvista, importazzjoni u akkwist ta' ċerti annimali ħajjin, b'mod partikolari żwiemel)***

(2011/C 204/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u B.-R. Killmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues et B. Beaupère-Manokha, aġenti), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. M. Wissels u M. Noort, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 96 u 98, moqrija flimkien mal-Anness III, tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Rata mnaqqsa — Provvista, importazzjoni u akkwist ta' ċerti annimali ħajjin (b'mod partikolari żwiemel) li ma humiex intiżi għall-preparazzjoni jew għall-produzzjoni tal-ikel għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali.

**Dispożittiv**

(1) *Bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-provvisti, l-importazzjonijiet u l-akkwisti intra-Komunitarji kollha ta' żwiemel, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 96 u 98 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-Anness III ta' din id-direttiva.*

(2) *Ir-Repubblika tal-Awstrija hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 24, 30.01.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Mejju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte di Appello di Firenze — l-Italja) — Tonina Enza iaia, Andrea moggio, Ugo Vassalle vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Università degli studi di Pisa**

**(Kawża C-452/09)** (1)

***(Direttiva 82/76/KEE — Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi — Tobba — Kisba tat-titolu ta' speċjalista — Remunerazzjoni matul il-perijodu ta' taħriġ — Preskrizzjoni ta' ħames snin fuq id-dritt għall-ħlas ta' remunerazzjoni perjodika)***

(2011/C 204/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte di Appello di Firenze

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Tonina Enza Iaia, Andrea Moggio, Ugo Vassalle

*Konvenuti:* Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Università degli studi di Pisa

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Corte di Appello di Firenze — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 82/76/KEE, tas-26 ta' Jannar 1982, li temenda d-Direttiva 75/362/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-mediċina, inklużi miżuri sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif ukoll id-Direttiva 75/363/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-attivitajiet tat-tobba (ĠU L 43, p. 21) — Taħriġ ta' tobba speċjalisti — Dritt għal remunerazzjoni xierqa matul il-perijodu ta' taħriġ — Effett dirett fin-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttiva — Possibbiltà għall-Istat li jqajjem eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames jew għaxar snin tad-dritt li jirriżulta mill-imsemmija direttiva, għall-perijodu ta' qabel l-ewwel liġi ta' traspożizzjoni.

**Dispożittiv**

*Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jeċċepixxi l-iskadenza ta' terminu preskrittiv raġjonevoli kontra azzjoni legali ppreżentata minn individwu fid-dawl tas-salvagwardja tad-drittijiet mogħtija minn direttiva, anki meta dan ma kienx ittrasponiha b'mod korrett, sakemm l-Istat Membru, permezz tal-aġir tiegħu, ma jkunx ikkawża d-dewmien tar-rikors. Il-konstatazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex impatt fuq il-punt tat-tluq ta' terminu preskrittiv, meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-imsemmi ksur ikun seħħ.*

(1) ĠU C 24, 30.01.2010.